# L-UŻU U L-KULT TAL-ISTATWI PROĊESSJONALI ĠEWWA MALTA

**Simon Mercieca**

**L-iskop ta' dan l-istudju huwa li jispjega fil-qosor l-istorja tad-dħul tal-istatwi proċessjonali ġewwa pajjiżna. Studju bħal dan jurina li dan il-fenomenu ma kienx biss marbut ma' l-ibliet, iżda insibuh jiżviluppa wkoll fl-irħula tagħna. L-ewwel raħal li għamel użu minn statwi proċessjonali huwa dak tas-Siġġiewi u għal din ir-raġuni, se jingħata attenzjoni partikolari. Meta Malta bdiet tintroduċi dan it-tip ta' kult kienet qed issegwi dak li kien qed jiġri fl-Italja, biss xi drabi antiċipat ukoll bliet importanti Taljani dwar purċissjonijiet ta' kulti partikolari. Dan kien il-każ fil-kult ta' San Nikola. L-użu ta' statwa proċessjonali ġewwa s-Siġġiewi jantiċipa l-użu ta' statwa fil-belt ta' Bari li llum hija assoċjata ma' San Nikola.[1]**

Pubblikazzjoni reċenti ġewwa l-Italja, bl-isem, *Nicholas, the People's Saint*,[2] ġabret kitbiet ta' numri ta' awturi distinti biex flimkien jistudjaw il-fenomenu ta' dan kult ġewwa Bari. Numru ta' konklużjonijiet milħuqa f'dan il-ktieb żgur li jgħinu biex wieħed jifhem aħjar l-iżvilupp tad-devozzjoni lejn San Nikola ġewwa s-Siġġiewi u anki jispjega għaliex dan il-kult kien importanti f'Malta, u dan se jwassal biex ikun wieħed mill-ewwel kulti ġewwa Malta li kellu statwa proċessjonali tal-qaddis.

Fil-1087, il-fdalijiet ta' San Nikola ġew trasferiti minn Myra, belt fit-Turkija, għal Bari u, fi żmien sentejn, in-Normanni, li kienu l-ħakkiema f'dik il-belt, bnew knisja biex tilqa' fiha lil dawn il-fdalijiet sagri li llum jinsabu għall-qima fil-kripta tal-bażilika ddedikata lil dan il-qaddis. Papa Urban II kien żar personalment din il-belt fl-1089, u pparteċipa fiċ-ċerimonja li matulha ir-relikwarju ta' dan il-qaddis kien ġie depożitat solennement fil-kripta.

Il-qima lejn San Nikola ġewwa Bari bdiet tiffjorixxi wara li din il-belt ġiet f'idejn in-Normanni. Bħalma ġara f'Malta, Bari waqgħet f'idejn l-Għarab iżda bid-differenza li f'Bari l-Byzantini rebħu lill-Għarab bir-riżultat li l-belt saret s-sede tal-Katapano, li kien gvernatur Biżantin reġjonali. Madankollu Bari ma damitx ma għaddiet minn esperjenza politika ġdida. Bil-mod il-mod, in-Normanni bdew jasserixxu id-dominanza tagħhom fuq ir-reġjun kollu. Għall-bidu, n-Normanni qasmu s-setgħa tagħhom flimkien mal-mexxejja Biżantini, iżda eventwalment, il-poter waqa' f'idejhom.

Minkejja l-fatt li San Nikola kien oriġinarjament qaddis Biżantin, meqjum l-ewwel fil-belt ta' Myra, kienu n-Normanni li daħħlu l-qima tiegħu ġewwa Bari. Dak li hu importanti huwa l-fatt li l-belt ta' Bari kienet waqfa obbligatorja fuq ir-rotta medjevali li l-pellegrini kienu jeħdu mill-Italja għall-Palestina. Studjużi jaqblu li kien matul il-Medju Evu Għoli li din il-belt wessgħet l-orizzonti tagħha.[3]

F'dan ix-xenarju storiku, wieħed jista jagħraf kif din id-devozzjoni lejn San Nikola daħlet f'Malta. Din setgħet ġiet Malta bħala riżultat ta' movimenti marittimi li kien hemm matul dawn iż-żminijiet bejn portijiet Nsara ġewwa l-Mediterran. Possibilta oħra hija li xi ħadd fuq il-gżira sar jaf bis-setgħat tawmaturġiċi ta' San Nikola u introduċa dan il-kult f'Malta. Dan il-kult seta' wkoll daħal fis-Siġġiewi minn xi persuna jew persuni minn dan ir-raħal jew mill-inħawi madwar, li siefer u ra dan il-kult f'Bari jew inkella minn xi Taljan minn Bari li ddeċieda li jmur joqgħod fl-inħawi tas-Siġġiewi. Biss meta tqis il-popolarità ta' din qima f'Malta matul il-Medju Evu, jagħmilha diffiċli biex wieħed jassoċja l-introduzzojni ta' kult ma' persuna waħda biss, bħalma hu l-kaz tal-kult lejn San Filippu ta' Aġira ġewwa Ħaż-Żebbug. Dan kien kult prodott ta' persuna waħda, li tidher li kienet minn Aġira. Iżda, imbagħad, dan il-kult mhuwiex diffuż ġewwa Malta.

Hi x'inhi r-raġuni, s-setgħat sopranaturali attribwiti lil dan il-qaddis fiż-żminijiet tan-Nofs kienu strumentali biex il-qima lejn dan il-qaddis tinxtered f'Malta.

Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li meta l-Anguvini ħadu post il-Normanni f'Bari, il-mexxejja l-ġodda komplew bid-devozzjoni lejn dan il-qaddis. Dan jista' jservi bħala attestazzjoni fuq it-tifrix u tkabbir ta' dan il-kult f'Malta. Is-suċċessuri tan-Normanni f'Malta, li wkoll kienu l-Anguvini, żgur li ma kellhomx interess li jeqirdu dan il-kult.

Jekk din id-devozzjoni kienet introdotta f'Malta matul żmien in-Normanni - kif fil-fatt ġara f'Bari u fi Sqallija – allura din it-tradizzjoni ġewwa Malta qed issegwi mudelli oħra li nsibuhom qed jiżviluppaw ġewwa l-Italja. Hu interessanti li jingħand, li fi Sqallija u f'Bari din id-devozzjoni tan-Normanni lejn dan il-qaddis kellha l-appoġġ tal-Biżantini. F'termini ta' liturġija, dan huwa punt interessanti ħafna u għandu relevanza għall-istorja ta' Malta.

In-Normanni ħadnu l-liturġija Latina. Min-naħa l-oħra, il-kult ta'

[1] Giorgio Otranto, 'In the Footsteps of Saint Nicholas', *Nicholas The People's Saint*, Luca De Napoli ed., Bari, 2004, p. 7
[2] Luca De Napoli ed., *Nicholas The People's Saint*, Bari, 2004.

[3] Otranto, p. 7.

San Nikola baqa' jimplika (sal-ġurnata tal-lum ġewwa Bari) l-użu ta' liturġija assoċjata mar-rit orjentali Grieg. Teżisti evidenza kemm fi Sqallija u anki fin-Nofsinhar tal-Italja li dawk il-knejjes li kellhom fihom id-devozzjoni lejn San Nikola kienu jużaw il-liturġija Biżantina jew kif inhi wkoll magħrufa, bħala dik Griega. Fi ħdan tali xenarju, l-introduzzjoni tad-devozzjoni lejn qaddisin orjentali f'Malta wara l-waqa' tad-dominazzjoni Musulmana m'għandhiex titqies, kif ġieli jingħad, bħala xi forma ta' reżistenza passiva mill-abitanti lokali lejn il-kultura tas-sidien il-ġodda, n-Normanni. Dan ma jagħmilx sens fil-kuntest ta' San Nikola. F'dan il-każ, in-Normanni żgur li taw l-appoġġ lil dan il-kult. Mill-inqas fi Sqallija u fin-Nofsinhar tal-Italja, n-Normanni nfushom appoġġjaw it-tixrid ta' dawn qaddisin orjentali u l-użu tal-liturġija Biżantina. Anki f'Malta, żgur li f'ċertu knejjes iddedikati lil San Nikola kienu jużaw il-liturġija Biżantina jew Griega. Hekk il-Knisja ta' San Nikola ġewwa l-Birgu, tispiċċa knisja użata mill-Kommunita' Rodjota jew Griega li ġiet Malta mal-kavalieri. Probabilment, l-għazla ta' din il-knisja għandu jkun assoċċjat mal-fatt, li barra li San Nikola kien qaddis orjentali, meqjum fil-liturġija Griega, f'din il-knisja, forsi kien għadu jsir dan r-rit Grieg u dan għamilha aktar faċli biex din il-knisja tittieħed minn din il-kommunita' Griega jew kif ġieli wkoll tissejjaħ, bħala dik Rodjota.[4]

Infatti, l-argument primarju fl-istorjografija tagħna hu li peress li n-Normanni segwew il-liturġija Latina, l-eżistenza ta' qaddisin orjentali u Biżantini f'Malta tista' tittieħed bħala xi forma ta' resistenza passiva lejn tmexxija tan-Normanni. Xi studjużi assoċjaw l-użu ta' kulti reliġjużi differenti bħala prova ta' qasma bejn dawk li jissejħu l-*elite* u l-bqija tal-popolazzjoni. Allura, l-fatt li l-popolazzjoni kellha qaddisin Biżantini jew orjentali kien mitqies aktar bhala għażla milli kontinwita ma dak li kien hemm qabel l-Għarab. Allura f'termini antropoloġiċi, dan beda jinqara bħala xi forma ta' protesta jew resistenza passiva mill-Insara lokali. Allura, l-argument hu li dawk il-Msilmin li bdew jabbandunaw it-twemmin tagħhom biex isiru nsara, wara l-waqa' ta' Malta f'idejn in-Normanni, fittxew qaddisin orjentali ħalli xorta waħda jiddistingwu ruħhom mill-mexxejja l-ġodda minħabba l-oppressjoni tagħhom.

Filwaqt li wieħed ma jistax jeskludi każijiet ta' konverżjonijiet furzati, wieħed ma jistax jiċħad li l-ritwali orjentali u s-setgħat sopranaturali tal-kulti Biżantini kienu wkoll jappellaw lil dawk li ġejjin minn sfond Mislem. Biss dan ma jfissirx li n-Normanni u l-ħakkiema ta' warajhom ma kellhomx ukoll dawn l-użanzi u dan it-tip ta' twemmin jew li huma kienu kontra r-riti tal-Biżantini. Il-Franki kif kienu magħrufa il-ħakkiema tal-Punent f'din il-ħabta ma kinux kontra r-riti orjentali, anki bħal ma juri dan il-każ ta' San Nikola, kienu saħanistra jagħtu l-appoġġ tagħhom għat-tixrid ta' kulti Griegi jew tar-Rum (kif l-Insara Bizantini kienu magħrufa) kull fejn kienu jaħkmu.

Kien x'kien il-każ, mill-għadd ta' knejjes iddedikati lil San Nikola, wieħed ma jistax ma jikkonkludix li dan il-qaddis kien sar popolari ħafna f'Malta matul is-snin tan-nofs, tant li fl-1575 kien l-aktar qaddis popolari f'pajjiżna wara l-Verġni Marija. Skont it-tagħrif mogħti mill-viżitatur appostoliku Duzina,[5] f'Malta u f'Għawdex kien hawn fuq 168 knisja ddedikati għall-Verġni Marija u 32 lil San Nikola. Il-popolarità ta' dan il-qaddis tista' wkoll tispjega għaliex is-Siġġiewi se jkun waħda mill-ewwel parroċċi f'Malta li tintroduċi statwa devozzjonali biex tintuża waqt il-purċissjonijiet.

L-evidenza bil-miktub dwar il-preżenza ta' dan kult f'Malta tmur għas-seklu 14.[6] Madankollu, kif il-popolarità ta' kult jindika, din id-devozzjoni għandha għeruq fondi ħafna fl-istorja. Barra minn hekk, m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li dan kien marbut mal-poteri tawmaturġiċi assoċjati ma' dan il-qaddis; Nikola kien il-persuna li lejh il-fidili kienu jduru minn żmien għall-ieħor speċjalment fi zmien ta' perikli naturali. Għalhekk, fi żmien meta s-Siġġiewi kien primarjament raħal rurali, il-ħtieġa tan-nies li jirrikorru għal xi qaddis fil-bżonnijiet tagħhom kienet kbira speċjalment għaliex l-għarfien tax-xjenza kien limitat. Min-naħa l-oħra, kienet tinħass ukoll il-ħtiega li din il-fidi tkun manifesta fil-pubbliku b'mod speċjali r-ringrazzjmanet għall-grazzji maqlugħa bl-interċessjonijiet divini. F'Bari, ir-rikors għal dan il-qaddis kien mitlub b'mod partikolari fi żminijiet ta' pesta, terremoti, nixfa, u diżastri naturali u perikli oħra. F'dan ix-xenarju, wieħed ikun korrett meta jaħseb li missirijietna għamlu talb simili lil dan il-qaddis biex jeħlishom minn kull xorta ta' pestilenzi u katakliżmi naturali. Ir-riżultat ta' dan kien li San Nikola sar l-aktar qaddis maskili popolari f'Malta u f'Għawdex kif jixhdu n-numru ta' knejjes li nbnew f'ġieħu.

Madankollu mhux ċar għaliex il-knisja tas-Siġġiewi ġiet iddedikata lil San Nikola u kemm din id-devozzjoni tmur lura fl-istorja ta' din il-lokalità. Ma hemmx dubju li l-fatt li din il-knisja ta' San Nikola saret parroċċa kien xi ħaġa aċċidentali u żgur li m'għandix x'taqsam mal-qaddis, jiġifieri għaliex hi parroċċa m'għandix titqies bħala l-eqdem knisja li hawn f'Malta ddedikata lil San Nikola. Min-naħa l-oħra dan il-fatt li hija parroċċa jgħin biex wieħed jibni ċerta' qafas ta' żmien ta' kemm tmur l-ura d-devozzjoni lejn San Nikola f'dan ir-raħal. Li hu żgur hu li dawk il-knejjes li jkunu saru parroċċa kellhom storja aktar qadima warajhom u xi drabi l-għażla f'dan il-perjodu kienet a bażi tal-importanza tagħhom fil-kommunita' tal-madwar. Fil-kaz tas-Siġġiewi, ħaġa waħda hija ċerta: il-parroċċa

[4] Lorenzo Zahra, "The Church of St. Anthony the Abbot", *Treasures of Malta*, No. 43, Christmas 2008, Vol. XV No. 1, pp. 49-50.

[5] *Documentary Sources of Maltese History Part IV Documents at the Vatican No. 1 Archivio Segreto Vaticano Congregazione Vescovi e Regolari Malta: Visita Apostolica no. 51 Mgr. Petrus Dusina, 1575*, ed. George Aquilina and Stanley Fiorini, Malta, 2001.

[6] Vincent Borg, *The Maltese Diocese and the Sicilian Environment from the Norman Period till 1500 AD*, Vol. ii, Malta, 2008, pp. 683–9.

tas-Siġġiewi hija msemmija fil-lista tal-isqof Senatore De Mello, u dan jikkonferma li kienet diġà parroċċa fl-1436.[7] Għalhekk, il-devozzjoni ta' dan il-qaddis fis-Siġġiewi tmur sew qabel 1436 u żgur li ġa kienet hemm fis-seklu erbatax jekk mhux qabel ukoll.

Min-naħa l-oħra, il-preżenza ta' statwi proċessjonal hija aktar qrib tagħna u tmur għall-bidu tal-epoka moderna u huma marbuta ma' pellegrinaġġi devozzjonali. L-eqdem statwa li nsibu msemmija fid-dokumenti storiċi ta' pajjizna hija dik ta' Santu Rokku ġewwa l-Birgu.[8] Din kienet statwa żgħira tal-injam li, fi żminijiet ta' kriżi, kienet tinħareg f'purċissjoni bħala att ta' penitenza mill-fidili biex jitolbu li jkunu mħarsa minn kull saram. Fil-fatt, din l-istatwa ta' Santu Rokku kienet iddaħħlet fil-Birgu inkonnessjoni mat-tixrid tal-imxija tal-Pesta ta' l-1592 u 1593. Santu Rokku kien qaddis ġdid, li sar popolari fis-seklu 15, minħabba li n-nies bdew jattribuxxulu qawwiet sopranaturali lil dan il-qaddis kontra l-epidemiji tal-pesta.

Matul is-sekli sittax u sbatax, it-twemmin fil-poteri tawmaturġiċi bdew aktar u aktar ikunu assoċċjati ma' Santu Rokku b'mod partikolari fl-Italja t'isfel.[9] Dan ma jfissirx li San Nikola ma baqax jigi invokat kontra l-pesta, iżda żgur li hu beda jnaqqas mill-popolarita' tiegħu. M' għandux inkun hemm dubbju li kien San Nikola l-aktar qaddis li kien invokat kontra din il-marda fi żminijiet medjevali ġewwa Malta bħalma jixhdu l-ammont ta' knejjes iddedikati lilu. Kien proċess naturali fejn kulti ġodda, bħal dawk ta' Santu Rokku, jieħdu post oħrajn aktar stabbiliti u bħalma wieħed jistenna, dawn il-kulti jibdew ġewwa l-ibliet ta' madwar il-port u jinfirxu bil-mod il-mod għal ġol-kampanja. In-nies tal-port kienu dawk l-aktar esposti għall-kuntatti mal-barranin. Dawn il-kulti ġodda jieħdu aktar żmien biex jidħlu fiż-żoni rurali. Dan jista' jispjega għaliex is-Siġġiewi kompla b'din id-devozzjoni qadima u kompla jinvoka lil San Nikola fi żminijiet ta' pesta.

Skont riċerka li saret minn Sandro Debono, is-Siġġiewi għamel statwa proċessjonali ta' San Nikola fis-sena 1657. Din kienet saret minn Natalizio Mallia.[10] Naħseb li jkun tajjeb jekk l-oriġini ta' din l-istatwa tiġi assoċjata mal-istorja tal-pesta f' Malta għaliex hija saret eżattament sentejn wara li Malta kellha attakk tal-pesta, iżda li kien wieħed ristrett u ma ħalliex effetti fuq il-popolazzjoni tal-gżira.

Vincent Borg jgħid li din l-istatwa hija l-ewwel statwa proċessjonali li nafu biha fil-knejjes tal-kampanja. L-abitanti ta' din iż-żona setgħu kkupjaw l-eżempju tal-istatwa proċessjonali ta' Santu Rokku ġewwa l-Birgu u għamlu statwa ta' San Nikola biex jużawha fil-purċissjonijiet devozzjonali. Wieħed irid jiftakar, li f'dan il-perjodu, l-istatwi proċessjonali kellhom rwol differenti minn dak li għandhom illum. Ma kinux simbolu ta' identita' ta' grupp, iżda oġġett purament ta' devozzjoni għall-interċessjonijiet divini.

Inċidentalment, dawn iż-żewġ statwi, jiġifieri dik ta' Santu Rokku u dik ta' San Nikola huma l-ewwel statwi ta' qaddisin maskili f'Malta li nafu bihom f'użu purċissjonali. Ma naħsibx li din hija sempliċi koinċidenza li t-tnejn għandhom referenzi eskatoloġika, jigifieri jli huma qaddisin li d-devozzjoni tagħhom hija marbuta ma' perjodu ta' għawg u saram naturali.

Ma jdumx wisq meta l-istatwa ta' San Nikola ġewwa s-Siġġiewi tibda tissemma' fid-dokumentazzjoni ekklezjastika u dawn jikkonfermaw li din saret qabel l-1667. Matul iż-żjara pastorali li l-isqof Luca Buenos għamel ġewwa s-Siġġiewi fil-11 ta' Diċembru 1667, huwa jagħti lista ta' l-oġġetti sagri li kellha din il-knisja u fosthom isemmi l-istatwa ta' San Nikola. F'dan l-inventarju, din l-istatwa qed tkun deskritta bit-Taljan kif gej:

*Item una vara con la figura di S.to Nicola con la sua sottana pavanozza, stola, amitto et cignolo et con la mitra di lama bianca guarnita con gallone d'oro et singolo con la pizzila d'oro nelli soi pendenti et un'anello.*[11]

Ġustament Borg iqis din id-deskrizzjoni bħala prova tanġibbli li din kienet statwa proċessjonali u ġiet maħluqa speċifikatament biex tirrappreżenta qaddis titulari. Barra minn hekk, din l-istatwa għandha importanza internazzjonali; tabilħaqq is-Siġġiewi jista' jiftaħar li kellu statwa proċessjonali qabel dik ikkummissjonata għall-bażilika ta' San Nikola gewwa Bari, fl-Italja.

Fil-1682, il-prokuraturi tal-knisja bazikali ta' Bari bdew programm ġdid biex isebbħu il-post ta' qima u biex ibiddluh f'post barokk. Artisti u artiġjani Naplitani ġew ikkummissjonati biex jesegwixxi numru ta' opri ġodda, inklużi l-istatwa tal-fidda ta' San Nikola għal din il-knisja.[12] Bari tadotta wkoll l-użanza mifruxa sew f'dan il-perjodu fl-Italja ta' Isfel, dik li tlibbes l-istatwa proċessjonali b'ilbies veru, bħalma jilbes l-isqof. Bħalma kien il-każ tas-Siġġiewi, l-istatwa ta' San Nikola ġewwa Bari titlibbes (kif għadu jiġri sal-lum) bl-ilbies liturġiku li huwa normalment assoċjat mal-pożizzjoni ta' isqof, bil-mitra, il-pallium u l-baklu. Id-differenza bejn it-tnejn kienet li l-istatwa tas-Siġġiewi ma kinitx titlibbes pjaneta, id-dalmatika taħt il-pjaneta, u l-pallium fuq il-pjaneta, liema elementi jiġu introdotti aktar tard mal-wasla tal-istatwa l-ġdida ta' Pietro Felici fl-1738. M'hemmx dubju li l-ikonografija ta' din l-istatwa ġdida ghas-Siggiewi segwiet il-mudell tal-istatwa ta' Bari.

[7] Ibid., pp. 743–8.
[8] A(rchivum).A(rcdiocesis).M(elitensis), Floriana *Visitatis Pastoralis Gargallo, 1598–1602*, f. 233r.
[9] Peter Burke, *The Historical Anthropology of Early Modern Italy*, Cambridge, 1987, pp. 51, 209, 211.

[10] Sandro Debono, "L-Arti u l-Htiega Ghaliha: Il-Kult tal-Madonna tal-Gilju fl-Imqabba u l-Opri tal-Arti li Jixhdu Ghalih", *Sicut Lilium, Devozzjoni u Ritwal tul is-Sekli*, Editur Charles J. Farrugia, 2012, p. 466.

[11] A.A.M. *Visitatis Pastoralis Buenos 1667–68*, Vol. 20, f. 442v.
[12] Nicola Cortone, 'The Treasure of Saint Nicholas', *Nicholas The People's Saint*, Luca De Napoli ed., Bari, 2004, p. 51.

Min-naha l-oħra, bħal ma turi d-deskrizzjoni mogħtija mill-isqof Buenos, l-istatwa l-qadima kienet imlibbsa ċinglu, ammittu, u suttana magħmul minn drapp fin ta' kulur aħmar fil-vjola, mitra kif ukoll ċurkett. Buenos jieħu interess partikolari fil-mitra għaliex hija l-aktar oġġett liturgiku li jiġi deskritt fid-dettall. Hu qal li kienet magħmula minn drapp tal-lama tal-fidda, bil-gallun tad-deheb, u bizzilla tad-deheb fil-tarf taż-żewg pendenti tal-mitra.

Barra minn hekk, din l-istatwa kellha ukoll kappa magħmula minn damask abjad u aħmar li kienet titqiegħed fuqha meta kienet tintuża f'xi purċissjoni. Barra minn hekk, din l-istatwa tidher li kienet waħda ħafifa għaliex, b'differenza minn dawk tal-injam, l-inventarju ma jiddokumentawx l-eżistenza ta' forcini li normalment kienu jintuzaw biex iserrħu lir-reffiegħa. Minflok, l-inventarju jagħti annotazzjoni separata biex tkun irreġistrata l-eżistenza ta' din il-kappa li kellha wkoll il-gallun tad-deheb.

*Item cappa di damaschi glo rosso et bianco per la figura di S. Nicola guarnita con il gallone d'oro.*[13]

Il-kelma kappa kienet ġiet inkluża fid-deskrizzjoni mogħtija tal-istatwa hawn fuq, iżda mbagħad ġiet maqtugħa, u dan ikompli jikkonferma li f'dan iż-żmien l-istatwa ma kinetx tkun imlibbsa l-kappa matul il-perjodi mhux festivi, u peress li kienet qed tintuża biss fi żmien ta' festa, it-tagħrif ingħata f'sentenza apparti. Ma kien hemm ebda referenza għall-preżenza tal-baklu u l-pallium. Jekk wieħed jiġġudika din l-istatwa minn dawn iż-żewġ deskrizzjonijiet, m'hemmx dubju li San Nikola kien qed jiġi mlibbes skont il-liturġija Latina bil-mitra u s-suttana ħamra bħalma kienu u għadhom jilbsu l-isqfijiet Latini.

## STATWI PROĊESSJOANLI MAGĦMULA "*ALL'USO ANTICO*"

L-għan tal-istatwi li jitlibbsu kien biex jinħoloq immaġni kemm jista' jkun qrib ir-realtà.[14] Imma kien hemm raġuni oħra li ħafna drabi tiġi njorata. Li wieħed ilibbes dawn l-istatwi kien qed jagħtihom sinifikat liturġiku b'funzjoni speċifika biex tfakkar lill-fidili fil-kuluri tal-liturġija tal-ġurnata. Għalhekk it-tlibbis tal-istatwi kien jagħti ċerta flessibilità biex tkun utilizzata l-istess statwa għal aktar minn funzjoni waħda liturġika. Il-bidliet ewlenin fil-kodiċi tal-ilbies liturgiku kien marbut l-aktar mar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa. Matul dawn il-perjodi, l--istatwi kienu jigu mlibbsin bil-vjola jew bl-iswed halli jsegwu l-liturġija tal-ġurnata. Din l-interpretazzjoni ċertament tgħodd għall-istatwi ddedikati lill-Verġni Marija.

F'Malta, l-użanza li wieħed ilibbes l-istatwi bl-ilbies veru hija attributa għall-influwenza Spanjola. Tabilħaqq, dawn id-drawwiet kienu ġeneralment adottati fil-pajjiżi li daħlu taħt l-influwenza tal-Peniżola Iberika. Infatti statwi imlibbsa għadhom sal-lum tradizzjoni fi knejjes varji ġewwa Spanja, partikolarment f'Seville u fl-inħawi tagħha kif ukoll f'partijiet li kienu taħt Spanja, bħalma hu l-każ f'Napli. Madankollu, nemmen bis-sħiħ li, f'Malta, it-tixrid ta' din l-użanza m'għandhiex tkun kompletament marbuta ma' Spanja.

Meta din il-użanza taqbad sew f'Malta, il-gżira ma kenitx għadha taħt l-influwenza Spanjola. Dan seħħ matul is-seklu sbatax. Biss, matul dan is-seklu, l-influwenza kulturali Spanjola kien kważi spiċċat u nflussi kulturali ġodda kienu ġejjin minn Sqallija u l-Italja Ċentrali. Barra minn hekk, statwi mlibbsa jinstabu wkoll f'żoni oħrajn u katidrali li qatt ma kienu taħt l-influwenza Spanjola. Per eżempju, f'Korsika, il-katidral antik ta' Calvi għadu jżomm it-tradizzjoni li jlibbes l-istatwi proċessjonali tiegħu. Fil-15 ta' Awwissu, il-festa ta' Santa Marija, l-istatwa tal-Verġni kienet u għadha tkun imlibbsa bl-abjad. L-istess statwa titlibbes bl-iswed bħala sinjal



**L-Ikonografija ta' San Nikola di Bari; bil-Baklu, Bibbja, u tliet sferi**

ta' dieqa fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira u b'hekk tirrappreżenta lill-Madonna tad-Duluri. Filwaqt li huwa veru li Calvi ġeografikament qiegħda faċċata tal-peniżola Iberika, għandu jiġi mfakkar li din il-belt qatt ma kienet taħt l-Aragoniżi jew l-Ispanjoli kif dan il-perjodu tal-istorja hu magħruf ġewwa Malta. Korsika dejjem apparteniet għar-Repubblika ta' Ġenova qabel ma' waqgħet taħt il-ħakma Franċiża.

Forsi, l-aktar eżempju klassiku ta' waħda mill-istatwi li titlibbes hija dik li tinsab fil-bażilika ta' San Pietru f'Ruma. Sal-ġurnata tal-lum, din l-istatwa tal-bronż fil-figura ta' San Pietru bilqiegħda titlibbes b'kappa u ilbies ieħor sagru f'jum il-festa ta' dan il-qaddis, jigifieri, fid-29 ta' Ġunju. Din it-tradizzjoni tmur lura għal żminijiet medjevali. Din l-istatwa kienet tinżamm fil-bażilika medjevali ta' San Pietru fejn diġà kien hemm it-tradizzjoni li titlibbes.

Wieħed għandu jiddistingwi bejn żewġ drawwiet differenti relatati mal-istatwi proċessjonali li kienu qed isiru popolari f'Malta fi żminijiet

[13] A.A.M. *Visitatis Pastoralis Buenos 1667-68*, Vol. 20, f. 442ᵛ.

[14] Sandro Debono, *Imago Dei, Sculptured Images of the Crucifix in the Art of Early Modern Malta*, Malta, 2005, p. 34.

moderni. Filwaqt li l-użanza li wieħed ilibbes dawn l-istatwi kompliet f'Malta sas-seklu 18, fir-realtà kien hemm żewġ xejriet differenti. Dawn l-istatwi mlibbsa bdew ikunu diskritti matul is-seklu tmintax bħala li kienu magħmula "all'uso antico". Dan kien ifisser li f'dan il-perjodu ma kinux għadhom moda. Min-naħa l-oħra, statwi tal-injam, li kif rajna wkoll, jafu l-oriġini tagħhom għal tmiem is-seklu sittax, saru aktar popolari. Fuq kollox, matul is-seklu tmintax daħal mod ġdid ta' kif isiru l-istatwi - il-kartapesta. Probabilment li l-kartapesta kienet li rrendiet l-istatwi mlibbsa bħala qodma, jew kif kien jintqal fid-dokumenti, magħmula "all'uso antico", għaliex dawk tal-kartapesta wkoll kienu jitlibbsu – meta jsiru l-panneġġi fuq il-qafas, panneġġi magħmula minn karti miksija bil-kolla. Imbagħad din il-libsa kienet issir waħda solida permezz tal-użu tal-kolla fost l-oħrajn.

Fuq kollox, anki fl-użu tal-istatwi imlibbsa nsibu żviluppi interessanti. Hawn ukoll wieħed jista' jidentifika perjodi differenti. L-ewwel wieħed jibqa' dak assoċjat mal-iżvilupp ta' dawn l-istatwi, li kif għedna seħħ bejn l-aħħar tas-seklu sittax u kompla matul l-ewwel nofs tas-seklu sbatax. Fl-ewwel nofs tas-seklu sbatax, dawn il-ġeneri ta' statwi tilfu mill-popolarita tagħhom. Biss dawn l-istatwi jerġgħu jsiru ftit popolari matul it-tieni nofs tas-seklu 18, jiġifieri matul il-perjodu meta l-Maltin bdew jemigraw *en masse* għal Spanja.[15] L-introduzzjoni (jew aħjar l-introduzzjoni mill-ġdid) ta' dan it-tip ta' drawwa għandu jkun attribwit lill-influwenza Spanjola. Statwa żgħira tad-duluri li tinsab ġol-knisja parrokkjali ta' Bormla, eżattament fuq l-artal tal-Kurċifiss tagħmel parti minn din id-devozzjoni ġdida. Din inġiebet f'Bormla lejn l-aħħar tas-seklu tmintax, bidu tas-seklu dsatax.

Ħafna minn dawn l-immigranti li kienu qed jemigraw lejn Spanja kienu ġejjin min-naħat tal-port il-kbir u dan jispjega l-għaliex tali drawwa ngħatat spinta partikolari f'din il-parti ta' Malta. Biss naħseb li għandu jsir sforz biex din it-tieni fażi ta' statwi mlibbsa tkun studjata b'mod separat u indipendenti mill-ewwel waħda, anki jekk jidher li meta jingħad li d-drawwa li jitlibsu l-istatwi reliġjuzi ġejja minn influwenza Spanjola jkunu qed jirreferu għal din l-influwenza l-ġdida li baqgħet fil-memorja kollettiva tan-nies li jgħixu madwar il-port. Biss din it-tieni fażi m'għandiex tkun imfixkla ma' dik l-oħra li hi eqdem. Anzi kif se jiġi argumentat aktar 'il quddiem, dawn l-istatwi l-qodma mlibbsa kważi kollha (jekk mhux kollha) ġew mibdula matul is-seklu tmintax għaliex l-antiki tqiesu li kienu magħmula "*all'uso antico*".

Analiżi aktar dettaljata tad-dokumentazzjoni storika tista' twassal għall-konklużjoni li l-istatwa mlibbsa ta' San Nikola baqgħet tintuża fil-purċissjonijiet f'ġieħ dan il-qaddis sat-tieni nofs tas-seklu sbatax. L-istatwa terġa' tissemma fl-inventarju tal-knisja tas-Siġġiewi miġbura fl-1693 taħt it-titolu '*Inventario e nota delli beni mobili, stabili ori argenti e partite bullali che possiede La Ven(eranda) Lamp(ada) del S(anti)S(si)mo Sacramento della Chiesa Par(rochia)le del Siggewi fatto nel mese di Xmbre 1693*. F'paġna 4 ta' dan il-manuskritt mingħajr numru, wieħed isib dan li ġej: '*più una statua di San Nicolò vestita pontificalmente*'.

Grazzi għal din in-nota, jista' jiġi stabbilit li din l-istatwa kienet il-proprjetà tal-knisja parrokkjali u mhux ta' xi fratellanza. Matul dan il-perjodu, kull oġġett li kien proprjetà tal-knisja parrokkjali kien miġbur u jaqa' taħt it-titolu tal-Veneranda Lampada.[16] Din id-definizzjoni derivata mill-Latin, kienet tagħmel referenza għas-Sagrament Imqaddes li jinżamm fil-tabernaklu fuq l-altar prinċipali u quddiemu kienet tinżamm mixgħula lampa taż-żejt l-ġurnata kollha. Ir-responsabbiltà tal-manutenzjoni ta' dan l-artal u tas-sagrament kienet fuq il-knisja parrokkjali u għalhekk ħareġ l-isem *Veneranda Lampada*.

Dan id-dokument diga' juri t-tibdil li kien qed isir fid-drawwa li wieħed ilibbes l-istatwi proċessjonali. Jidher li madwar dan il-perjodu kien ġie deċiż li din l-istatwa tinżamm permanentament mlibbsa bl-ilbies pontifikali matul is-sena kollha; wieħed jista' jgħid b'ċertezza li fost dan l-ilbies li din l-istatwa kellha issa kien hemm is-sandlijiet (jew papoċċ) pontifikali, il-pallium, u l-baklu.

L-inventarju jsemmi wkoll żewġ standardi (bnadar kbar) użati waqt il-purċissjonijiet reliġjuzi jew '*bandiere ... l'una di velluto rosso con la figura del santo n(ost)ro protettore e l'altra di broccato piccola di diversi colori*'.[17] Fiha nfisha, din hija prova li l-purċissjonijiet kienu qed jiġu organizzati b'mod solenni fis-Siġġiewi. Barra minn hekk, sat-tieni nofs tas-seklu 17, din l-istatwa ma kinetx għadha biss assoċjata ma' purċissjonijiet devozzjonali każwali, imwettqa bħala att ta' penitenza u ringrazzjament wara l-għemil ta' xi wegħda kollettiva, iżda mal-purċissjoni li kienu bdew isiru f'ġieħ il-qaddis fil-ġurnata ddedikata lilu fil-kalendarju Ruman. Għalhekk lejn l-aħħar tas-seklu 17, din l-istatwa bdiet żgur tkun assoċjata mal-festa ta' San Nikola. Il-parruċċani tas-Siġġiewi bdew jagħtu importanza kbira lill-festa tagħhom u għamlu ħilithom biex ikollhom ċelebrazzjonijiet solenni u kbar fil-knisja. Skont il-kontijiet tal-knisja għas-sena 1685, il-festa ġiet iċċelebrata darbtejn, f'Mejju u Diċembru. Il-mużiċisti, b'mod partikolari d-daqqaqa tal-vjolin, kienu miġjuba mill-Belt Valletta biex jipparteċipaw f'dawn il-festi.[18] Dan kien ifisser ukoll, li l-immaġni

[15] Carmelo Vassallo entitled *Corsairing to Commerce: Maltese Merchants in XVIII Century Spain / Carmel Vassallo; Ship Illustrations by Joseph Muscat*, Malta, 1997.

[16] A.A.M. Conti. Vol. 65 Siġġiewi 1672–1739, Inventario e nota delli beni mobili stabili ori argenti e partite bullali, che possiede La Ven(eranda) Lampa(da) del SSmo Sacramento della Chiesa Par(rocia)le del Siġġewi fatto nel mese di Xmbre 1693.

[17] Ibid., p. 7.

[18] A.A.M. Conti. Vol. 65 Siggiewi 1672–1739, *Conti*. Vol. 65 Siggiewi 1672–1739 Conto della Procura della Ven(eran)da Lampada del S(anti)S(si)mo Sacram(en)to della Chiesa Par(rocia)le di Casal Siggehwi (*sic*.), p. 26.

kollettiva ta' San Nikola bdiet titlef mill-qawwa tagħha u bdiet issir festa parrokkjali, bħal ma hija fil-fatt illum. Għalhekk wieħed ġustament jista' jikkonkludi li kien ukoll f'dan il-perjodu, li dan il-qaddis beda jitlef mid-devozzjoni assoċjata ma' għemejjel sopranaturali fuq livell nazzjonali.

Fil-ktieb *Imago Dei, Sculptured Images of the Crucifix in the Art of Early Modern Malta*, Sandro Debono jirreferi għall-oriġini tal-ewwel statwa tal-Madonna tar-Rużarju fil-knisja ta' San Dominku fil-Belt Valletta li kienet inawgurata fl-1615. Din l-istatwa taqa' f'din il-kategorija ta' statwi qodma mlibbsa. Din l-istatwa kienet tikkonsisti f'manekin, imlibbes bi ħwejjeġ ta' vera u kellha biss l-idejn u ras minquxa probabbilment fl-injam. [19] Hawnhekk wieħed jistaqsi jekk kinux id-Dumnikani l-ewwel li ntroduċew din it-tradizzjoni ta' statwi mlibbsa ġewwa Malta? Hemm xi tip ta' konnessjoni bejn l-istatwa tas-Siġġiewi u l-Ordni Dumnikan? Dak li hu inqas magħruf huwa l-fatt li kien hemm rabta qawwija bejn il-bażilika ta' San Nikola ġewwa Bari u l-Ordni tal-Predikaturi. Din l-affiljazzjoni għandha għeruq profondi fl-istorja u kienet ir-raġuni għala, fl-1951, il-Papa Piju XII fada l-amministrazzjoni ta' din il-bażilika lill-patrijiet Dominikani. [20]

Fuq livell lokali, illum, it-tradizzjoni li wieħed ilibbes l-istatwi għal waqt il-purċissjonijiet hija assoċjata mal-Birgu. Iżda din l-użanza ġewwa l-Birgu żviluppat aktar tard minn dik fis-Siġġiewi. Fil-fatt, l-istatwa ta' San Lawrenz saret lejn l-aħħar tas-seklu sbatax u kienet definittivament introdotta wara l-1676.[21] L-eżistenza tagħha hija attestata għall-ewwel darba fir-rekords taż-żjara pastorali tal-Isqof Cocco Palmieri fil-Birgu fl-1685. [22] Dak li hu ta' interess partikolari huwa l-fatt li din ma kinitx l-ewwel statwa mlibbsa li kellha din il-parroċċa. Skont tagħrif li ħalla l-isqof Buenos fiż-żjara pastorali tiegħu tal-1667, il-parroċċi kollha tat-tliet ibliet, jiġifieri, il-Birgu, Bormla, u l-Isla, kellhom statwi proċessjonali tal-Verġni Marija taħt it-titlu tal-Immakulata Kunċizzjoni u dawn l-istatwi kienu kollha imlibbsa bl-abjad.[23] Fiż-żjara tal-1667, jirriżulta li f'Bormla, kien hemm żewġ statwi proċessjonali. L-ewwel waħda kienet *'una statua della madona (sic.) con il suo vestito di terzanello bianco'*, [24] filwaqt li t-tieni waħda saret kompletament mill-injam u kienet imsejħa fl-inventarju bħala *'una vara indorata che serve per la Madonna'*.[25]

B'differenza minn dik tas-Siġġiewi, l-istatwa mlibbsa ta' Bormla ma kinitx statwa proċessjonali u ma tidhirx li saret biex tinħareġ waqt xi purċissjoni, li diġa' f'dan il-perjodu kienet qed tkunu ċċelebrata fit-8 ta' Diċembru. Wieħed irid jiftakar li f'dan il-perjodu, il-knisja kienet ddedikata lill-Madonna tas-Sokkors. Inċidentalment, Bormla tidher li f'dan il-perjodu kienet għadha żżomm it-tradizzjoni li toħroġ l-istatwa tal-Madonna bħala pellegrinaġġ devozzjonali u allura ma kinetx marbuta ma' data jew ġurnata ta' festa. Biss kif rajna, f'Bormla kien hemm statwa oħra tal-Madonna. Din żgur li kellha storja u użu differenti ġewwa l-parroċċa. L-Isqof Buenos ma ta l-ebda informazzjoni dwar jekk il-"vara indorata" [26] kinetx statwa proċessjonali anki jekk il-kelma użata "vara" tindika li kienet. Dan huwa ikkonfermat fir-rapporti ta' żjarat sussegwenti fejn ġie ddikjarat li din din l-istatwa jew vara indorata (u allura kienet tal-injam) kienet tal-Fratellanza tar-Rużarju u kienet tinħareġ f'purċissjoni fiċ-ċelebrazzjonijiet li din il-fratellanza kienet tagħmel ad unur il-Madonna tar-Rużarju. Jekk wieħed iqis li din l-istatwa użata mill-fratellanza tar-Rużarju kienet tal-injam, wisq probabli li l-oħra, li kienet imlibbsa, kienet aktar qadima u kienet din l-istatwa li ġiet akkwistata f'din parroċċa

L-eqdem statwa proċessjonali tal-Madonna ġewwa l-Isla kienet ukoll manekin jew kif inhija imsejha fil-lingwagg tekniku "imagen a vestir". Saħanistra, f'dan il-każ nafu li dan it-tip ta' statwa tal-Madonna kienet anki titlibbes parrokka, jiġifieri l-kontra tal-istatwa ta' San Nikola ġewwa is-Siġġiewi, ix-xagħar ma kienx parti mir-ras tal-Madonna. Din l-istatwa baqgħet waħda proċessjonali u tidher li kienet l-istatwa prinċipali sakemm ġiet statwa oħra, kollha tal-injam u li skont it-tradizzjoni, għandha storja mirakuluża, wara li ġiet salvata min-nawfraġju u l-baħrin kienu tawha fl-ewwel knisja tal-port li kienu daħlu fih. Fl-Isla hemm it-tradizzjoni li din l-istatwa tal-injam ġiet fl-1618. Biss jekk din id-data għandha xi bażi storika, din għandha tkun konnessa ma data ta' dik li kienet tinlibes u li ma hemmx dubju, li hija l-aktar antika, milli ma dik li hemm illum fil-knisja.

Jidher li waħda mill-aħħar statwi mlibbsa li saru għall-purcissjoni, skont din it-tradizzjoni qadima, kienet fiż-Żejtun, meta fl-1726, saret statwa tal-Madonna tar-Rużarju magħmula minn ras, par idejn, bambin, u pedestall u bradella t-tnejn indurati.[27]

---

[19] Sandro Debono, *Imago Dei, Sculptured images of the Crucifix in the Art of Early Modern Malta*, Malta, 2005, p. 34.

[20] Giovanni Matera, 'The Friars Preachers and Saint Nicholas', *Nicholas The People's Saint*, Luca De Napoli ed., Bari, 2004), pp. 23, 27.

[21] Carmel Cassar, 'The Maltese Festa, a historical and cultural perspective', *First International Conference of the Sief Working Group on The Ritual Year in association with the Department of Maltese, University of Malta Junior College Msida, Malta*, George Mifsud-Chircop ed., Malta, 2006, p. 57. Fl-1676, kien gie organizzata purcissjoni gewwa l-Birgu li matulha sar numru ta' talb biex Alla jehles lil din il-belt mill-pesta. Hu ta' interess li f'din u f'purcissjonijiet ohra li saru wara, kienu nhargu r-relikwa tas-salib imqaddes, ir-relikwija ta' San Lawrenz u l-istatwa ta' San Rokku. In-nuqqas ta' uzu ta' l-istatwa ta' San Lawrenz matul din il-purcissjoni tindika li fil-Birgu, matul dan il-perjodu kien ghad ma hemmx statwa ta' dan il-qaddis.

[22] A.A.M. *Vista Pastoralis Cocco Palmieri*, Vol. 24B, f. 58$^r$.

[23] Ibid.

[24] A.A.M. *Vista Pastoralis Buenos*, Vol. 20, f. 255$^v$.

[25] Ibid., f. 256$^v$.

[26] Ibid., f. 256$^r$.

[27] Sandro Debono,"L-Arti u l-Htiega Ghaliha: Il-Kult tal-Madonna tal-Gilju fl-Imqabba u l-Opri tal-Arti li Jixhdu Ghalih, Sicut Lilium Devozzjoni u Ritwal tul is-Sekli, editur Charles J. Farrugia, 2012, p. 466.

Dun Frans Buhagiar jafferma li l-ewwel statwa li ġiet kkummissjonata għall-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar kienet ukoll dik tal-Madonna mlibbsa. Il-parroċċa ta' Ħaz-Żabbar żżomm l-użu ta' din l-istatwa mlibbsa sal-bidu tas-seklu 19 meta l-iskultur Mariano Gerada kien ikkummissjonat biex jonqox statwa ġdida li għadha meqjuma f'dan parroċċa sal-ġurnata tal-lum. B'differenza mis-Siġġiewi, it-traċċi ta' din l-istatwa antika ġewwa Haz-Żabbar intilfu għal kollox.[28]



**L-Ikonografija tal-Kunċizzjoni kif żviluppat maż-żmien – bil-qamar u s-serpent taħt saqajHa**

Parroċċa li kienet tagħmel użu minn statwa mlibbsa għall-purċissjonijiet tagħha kienet dik tal-Imqabba. Bħal ma ġara f'Ħaż-Żabbar, l-Imqabba wkoll kellha statwa mlibbsa u baqgħet tintuża fil-purċissjoni tal-festa sal-bidu tas-seklu dsatax, meta din inbiddlet ma waħda, magħmula kollha kemm hija mill-injam. Hija xogħol ta' Xandru Farrugia. Din kienet saret għaliex din il-qadima bdiet titqies bħala waħda kerha ħafna u kienet ukoll sors ta' ċajt goff minħabba l-estetika tagħha.[29] Anki Ħal Għaxaq, kellhom statwi jintlibsu. Skont Sandro Debono, fl-1803, "il-prokuratur tal-Veneranda Lampada xtara faldetta ħamra u mant tal-ħarir kulur blu ċar għax-xbieha tal-Madonna tad-Duluri.[30]

Oriġinarjament, il-purċissjonijiet ma kinux jinvolvi statwi iżda kienu manifestazzjoni sempliċi ta' fidi li matulhom kien jinħareġ xi salib li kien ikun imżejjen b'mod dekorattiv u mhux l-ewwel darba li kien ikollu fih affarijiet prezzjużi. Knejjes aktar sinjuri kienu joħorġu bi fdalijiet ta' qaddisin waqt dawn il-pellegrinaġġi devozzjonali.

Waħda mill-ewwel istatwi tal-injam, li skont it-tradizzjoni, tidher li kienet użata fil-purċissjonijiet ġewwa Malta hija dik ta' San Ġużepp u li llum tinsab għand il-Patrijiet Fraġiskani Minuri ġewwa r-Rabat (Malta). Minħabba li din l-istatwa kienet oriġinarjament tappartjeni jew qed tinżamm ġo knisja li tappartjeni għal Ordni reliġjuż, hija ħarbet mill-iskrutinju taż-żjajjar pastorali bil-konsegwenza li issa huwa diffiċli ħafna tinbena l-istorja tagħha. Żgur li ma kinetx ikkummissjonata mill-fratellanza ta' San Ġużepp li hemm f'din il-knisja iżda hija riċiklaġġ ta' xi pulena jew statwa oħra li kienet iżżejjen il-pruwa tal-bastiment tal-kavalieri ta' San Ġwann magħruf aħjar bħala il-*Gran Karracca Sant'Anna.*[31] Madankollu, anke hawn, hemm it-tendenza li wieħed jaħseb li għall-bidu din l-istatwa kienet biss maħruġa f'pellegrinaġġi devozzjonali aktar milli bħala parti minn ċelebrazzjoni ta' festa liturġika f'ġieh il-qaddis. M'għandu jkun hemm l-ebda dubju li kienet akkwistata wara 1575, għaliex l-ebda referenza għaliha ma tinsab fiż-żjara li kien ghamel l-isqof Pietro Duzina. Imbagħad, fil-bidu tas-seklu tmintax, teżisti referenza għal dokument fejn jingħad li kienet inġiebet mill-knisja tal-Karmnu tal-Belt Valletta statwa tal-qaddis San Ġużepp.[32] Din in-nota storika titqies li hija referenza għall-statwa li hemm ta' dan il-qaddis u li llum tinsab ġewwa is-Sagristija tal-Knisja tal-Patrijiet Minuri. Biss jista' jkun li din il-kitba qed tirreferi għall-akkwist tal-istatwa l-oħra, jiġifieri l-ewwel waħda tal-fratellanza ta' San Ġużepp, dik li kienet parti minn xi pulena tal-Karrakka Sant'Anna. Dan għaliex it-tieni waħda, jiġifieri dik li hemm fis-sagristija, hija tal-kartapesta. Hu ferm diffiċli biex statwa magħmula minn dak il-materjal tkun iddatata għall-bidu tas-seklu tmintax. Fuq kollox la ġiet mogħtija, jfisser li kienet aktar antika u normalment, statwa kienet tingħata wara li tkun ilha għal ħafna snin isservi f'xi knisja. Għalhekk hu ferm diffiċli li l-Karmelitani kellhom xi statwa tal-kartapesta ta' San Ġużepp li tmur għal qabel is-seklu sbatax għas-sempliċi raġuni li dan it-tip ta' materjal kien għadu ma daħalx f'Malta u l-istatwi tal-kartapesta bdew isiru aktar tard ġewwa f'Malta, matul is-seklu tmintax. Għalhekk, hu wisq aktar probabbli, li din il-kitba qed tirreferi għall-wasla fir-Rabat tal-istatwa antika ta' San Ġużepp.

Wisq probabli wkoll, li l-Isla addottat, statwa proċessjonali tal-injam bil-figura tal-Madonna matul is-seklu sbatax, meta, kif jingħad, ġiet salvata mil-baħar Adrijatiku pulena li kellha l-figura tal-Madonna u wara talba minn xi membri tal-ekwipaġġ, li kienu mill-Isla, il-kaptan ddeċieda li jagħti din l-istatwa lill-knisja parrokkjali ta' din il-belt.[33] Għalhekk, wara din id-donazzjoni, l-Isla spiċċat b'żewġ statwi tal-Madonna li kienu t-tnejn qed jintużaw fil-purcissjonijiet ta' din il-knisja. Statwa minnhom kienet forma ta' manekin. Kif għidna, din kienet l-aktar statwa qadima. Din tidher li kienet l-istatwa proċessjonali tal-parroċċa. L-istatwa tal-injam tissemma għall-ewwel darba fiż-żjara pastorali tal-isqof Buenos ta' 1667. Hu jiddiskrivi din l-istatwa bħala li kienet tappartjeni lill-Fratellanza tal-Kunċizzjoni ta' din il-belt u hija deskritta bħala *'di legno indorata con li soi bastoni e quatro*

[28] Frans Buhagiar, *Santwarju Madonna tal-Grazzji Żabbar*, Malta, 1998, p. 18.
[29] Debono, 2012, p 466.
[30] Ibid.
[31] Joseph Muscat, *The Carrack of the Order*, Malta, 2000, pp. 26–8.
[32] Archives of the Arciconfraternity of Saint Joseph, Our Lady of Mount Carmel Basilica, Valletta, Ms. Lib. I Ann., Conf. S. Giuseppe, f. 159. *Vide* also Lawrenz M. Sammut, O.Carm., *Is-Santwarju tal-Karmnu*, Malta, 1952, p. 83.
[33] Simon Mercieca 'Contexualizing the Past: Pictorial Memory and Landscape in Gozo'. Forthcoming.

*forcine*' (*sic.*)[34] Din l-istatwa terġa' tissemma' fir-rapport taż-żjara pastorali li l-Isqof Cocco Palmieri għamel fl-1686 fejn huwa jiddikjara li din l-istatwa kienet qed tinżamm fuq l-altar tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni. Hu jiddeskriviha bħala "*ligneam deaurata et partim variis coloribus depicta referens imaginem BMV Immaculatae Conceptae cum corona argentea in eius capite*". [35] L-isqof Cocco Palmieri jżid li din l-istatwa kienet tinħareġ fil-purċissjoni tal-festa tal-Kunċizzjoni u nies minn madwar Malta kollha kienu jmorru ġewwa l-Isla nhar it-8 ta' Diċembru biex jipparteċipaw f'din il-purċissjoni. Minn dan id-dokument joħroġ b'mod ċar li din l-istess statwa bdiet tinħareġ ukoll fil-purċissjoni ta' nhar it-8 ta' Settembru, meta din il-parroċċa kienet tiċċelebra il-festa tal-Madonna tal-Vittorja.

Fuq kollox, peress li hawn kien hawn żewġ statwi tal-Madonna, dik l-antika, jiġifieri l-istatwa magħmula fil-*imagen a vestir* inbiegħet lill-parroċċa tax-Xagħra Għawdex f'nofs is-seklu tmintax. Infatti, id-dokumenti jitkellmu kif din l-istatwa mlibbsa li kien hemm l-Isla inbiegħet lix-Xagħra, fl-1751, għal 6 skudi u 2 irbiegħi u meta wasslet l-Imġarr ttieħdet proċessjonalment lejn ix-Xagħra fost l-isparar tal-murtali.[36]

Jidher ukoll li Bormla ma damitx wisq biex neħħiet l-istatwa mlibbsa u minflok bdiet tuża oħra ġdida. Dan joħroġ ukoll miż-żjara pastorali ta' l-isqof Cocco Palmieri meta fl-1686 irrefera biss għall-preżenza ta' statwa proċessjonali waħda, jiġifieri dik li kienet tappartjeni għall-Fratellanza tar-Rużarju. [37] Huwa jagħmel dan il-punt u jispeċifika li din l-istatwa kienet tirrappreżenta l-Immakulata Kunċizzjoni u kienet tal-injam.[38] Hu jgħid li kienet kompleta, magħmula mill-injam u kienet tinħareġ f'purċissjoni fl-ewwel Ħadd tax-xahar ta' Ottubru meta l-fratellanza kienet tikkommemora l-festa tar-Rużarju. [39] Din l-istatwa kienet tinżamm ġewwa niċċa tal-injam, msakkra, li kienet tinsab fil-kappella ta' Santu Rokku fl-istess knisja. [40] Hemm fatt ikonografiku interessanti li din l-istatwa ddedikata lill-Kunċizzjoni kienet meħuda f'purċissjoni għad unur il-Madonna taħt titlu differenti. Dan juri li matul dan il-perjodu, ir-rappreżentazzjoni ikonografika tal-Madonna ma kinetx għadha marbuta ma' immaġni viżiv tal-ġrajja li hija kienet qed tfakkar. Dawn it-tip ta' statwi bdew wara. Fil-każ tal-Madonna, l-importanza kienet fuq il-fatt li hija tkun murija bħal dik li twassalna għal binHa Ġesu. Għalhekk l-aktar mod faċli, biex dan il-messaġġ jitwassal, kien billi tkun murija li qed iżżomm it-tarbija Ġesu f'idejha. Din hija l-immaġni li naraw tal-Madonna illum fl-ikonografija tar-Rużarju u tant ikonografiji oħra tagħha. Immaġni oħra, tal-Madonna kienet, li l-preżenza ta' Gesu tkun murija bħal dik li qed twassal lil Ġesu billi dan ikun ipprezentat fil-ġuf tagħha u għalhekk kienet tkun irrappreżentata bħala mara fi stat avvanzat ta' tqala. Dan kien il-mod kif kienet tiġi rrapprezentata l-Kunċizzjoni fil-passat u din l-istatwa antika tal-Kunċizzjoni, li kienet qed tintuza mill-fratellanza tar-Ruzarju, kienet turija f'dan l-istat ta' tqala.

Eventwalment, matul is-seklu 18, din l-istatwa kienet mogħtija lill-parroċċa tal-Qrendi, parroċċa ġara tas-Siġġiewi, wara l-fratellanza kienet akkwistat statwa ġdida tal-Madonna tar-Rużarju li kienet magħmula fl-ikonografija li tagħha saret sinomima din l-invokazzjoni, jiġifieri, dik li tirrappreżenta l-immaġini popolari tal-Verġni tar-Rużarju - l-figura tal-Madonna wieqfa bil-Bambin f'idejha. Din l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju kienet eventwalment mibdula fl-1826 meta saret statwa ġdida mill-iskultur Pietru Pawl Azzopardi.[41]

Fuq kollox, jidher li ġewwa Bormla saret statwa ġdida tal-Kunċizzjoni lejn in-nofs tas-seklu 18. Din l-istatwa kienet probabbilment magħmula minn dak li kien baqa' mill-manekin qadim li kien jitlibbes biex jirrappreżenta lill-Immakulata Kunċizzjoni. Ir-ras tal-injam ta' dan manekin u l-qiegħ tiegħu, jiġifieru s-saqajn u s-serp, kienu ġew inkorporati f'din l-istatwa l-ġdida, billi sar korp għaliha halli b'hekk ġiet iffurmata statwa solida tal-injam. Dan il-korp ġdid kompla jservi din l-istatwa sa l-1904, meta jidher li kien tneħħa u ġie mibdula f'wieħed magħmul minn libsa magħmula minn pjanċi tal-fidda.[42]

## KONKLUŻJONI

Permezz ta' din l-informazzjoni xtaqt nagħti tagħrif ġdid dwar it-transizzjoni mill-użu tal-istatwi magħrufa bħala *imagen a vestir* għal dawk magħmula mill-injam, aspett tal-kultura popolari li kien forsi ftit injorat fl-istorja tal-iżvilupp devozzjonali ġewwa Malta. L-istatwi tal-injam kienu l-ewwel ta' daqs żgħir. L-istatwa ta' Santu Rokku ġewwa l-Birgu kienet ta' madwar

[34] A.A.M. *Visitatis Pastoralis Buenos*, Vol. 20, f. 224$^{r}$.

[35] A.A.M. *Visitatis Pastoralis, Cocco Palmieri*, 1686, Vol. 23, f. 102$^{r}$. Trans. *It (the statue) is gilded and painted in various colours reproducing the wooden likeness of the BMV Immaculate Conception with a silver crown on its head.*

[36] S. Mercieca, 'Contextualizing the Past: Pictorial Memory and Landscape in Gozo'. Forthcoming.

[37] Ibid., f. 86$^{r}$.

[38] Ibid., f. 90$^{v}$ and A.A.M. *Visitatis Pastoralis Buenos*, Vol. 20, f. 255$^{v}$, f. 90$^{r}$.

[39] Ibid., f. 86$^{r}$.

[40] Ibid., f. 90$^{r}$.

[41] A.P. *Della Veneranda Confraternita' dell Santissimo Rosario Eretta nella S.Insigne Collegaita e parrochiale Chiesa della Citta' Cospicua*, Libro Esito, p. 127.

[42] *Raccolta di alcuni di arredi per uso sacro di esclusiva fabbricazione delle premiate fabbriche Riunite Ant.o Ghezzi e Figlio Andreoni e Franceschini*, Milan, Corso Vittorio Emanuele N. 12, Tav. 73. Il-katalgu tax-xogholijiet tal-Kumpannija Gezzi, ppubblikat f' Milan minn Antonio Gezzi e figlio, juri l-istatwa proċessjonali ta' Bormla u jgħid li kemm ir-ras kif ukoll l-parti ta' isfel u s-serpent ta' din l-istatwa jappartjenu għal statwa qadima. Il-mod li bih l-istatwa tal-Immakulata Kuncizzjoni ta' Bormla hija deskritta turi li l-kumpanija Gezzi kienet neħħiet il-gisem ta' din l-istatwa u żammet biss ir-ras u l-parti ta' isfel tagħha għaliex dawn kienu qodma u probabilment anki kienu aktar qodma mill-istess ġisem tal-injam li kellha din l-istatwa.. Id-deskrizzjoni eżatta bit-Taljan ta' din l-istatwa ta' l-Immakulata Kuncizzjoni hija kif ġejja: '*Statua di S. Maria Immacolata, eseguita in lastra d'argento a 900/000 battuta e riccamente ornate di cesello, pietro e stelle. La testa e la estremità sono in legno intagliato, appartenenti alla Venerata Statua secolare già esistente.*'

metru għoli. L-istatwa tal-injam tal-Kunċizzjoni (li issa saret l-istatwa proċessjonali prinċipali tal-Isla) kienet waħda ferm żgħira fid-daqs. Anki statwa oħra tal-injam, dik li kienet tinsab fuq artal ġewwa Bormla u ddedikata lil San Stiefnu kienet waħda żgħira ta' madwar metru għoli. Din kienet saret fis-seklu sbatax u ma kinetx għall-użu proċessjonali.

L-*imagen a vestir* kienu jirrappreżentaw avvanz fid-daqs għaliex kienu itwal u ħafna drabi kellhom id-daqs ta' bniedem. Jidher li kien fuq dan il-mudell li l-istatwi tal-injam ġodda għall-użu proċessjonali ġew mibnija, u waħda minn dawn l-ewwel statwi li tiġi introdotta ta' dan l-għoli kienet dik tal-Kunċizzjoni ta' Bormla (issa qegħdha l-Qrendi) li bħal ma rajna saret madwar it-tieni nofs tas-seklu sbatax.

Għalhekk ġiet stabbilita xejra ġdida ta' kif biha għandhom ikunu dawn l-istatwi għall-użu tal-purċissjonijiet, jiġifieri dawk imlibbsa ħarġu mill-moda u minflok bdew isiru aktar popolari dawk magħmula mill-injam. Dawk il-parroċċi li kellhom din id-drawwa qadima li jlibbsu l-istatwi proċessjonali tagħhom bdew jħossuhom inferjuri u fittxew li jibdluhom b'oħrajn tal-injam. Fuq kollox, is-seklu 18 beda joffri wkoll materjal ġdid li dawk li ma kellhomx finanzi biex jagħmlu waħda tixbaħ lil dawk tal-injam. Dawk il-parroċċi jew fratellanzi li ma kellhom ebda statwa, jew li kienu wisq fqar biex jaffordjaw jixtru waħda tal-injam, bdew jagħmlu l-istatwi tagħhom mill-kartapesta, materjal li beda jagħti l-opportunità biex isiru statwi ta' prezz orħos iżda estetikament sbieħ u fil-limiti ta' dawk li ma kellhomx flus biżżejjed fil-but.

Il-bidla tal-istatwi proċessjonali f'Ħaż-Żabbar, l-Imqabba u s-Siġġiewi għandhom jiġu studjati fl-iżvilupp ta' din il-moda. Meta n-nies tas-Siġġiewi ddeċidew li jibnu knisja parrokkjali ġdida, huma ħadu fil-bini l-ġdid ħafna mill-operi li kien hemm fil-knisja l-qadima - inklużi l-istatwa antika ta' San Nikola. Cocco Palmieri jirreġistra l-eżistenza ta' din l-istatwa antika fil-knisja l-ġdida, fejn kompliet tintuża fil-festi ad unur dan



**L-Ikonografija ta' Santu Rokku, bil-ġerha f'koxxtu, u kelb joffrilu l-ħobż.**

il-qaddis. Il-purċissjoni kienet issir filgħaxija, wara l-qari tat-tieni Għasar. L-isqof jiddeskrivi dawn l-avveniment bħala l-"*processione generali processione in qua defertur statua eiusdem Sancti*" (*sic.*) Fil-knisja l-ġdida, il-festa ma tilfet xejn mill-importanza preċedenti tagħha.[43] Anzi, ladarba l-knisja l-ġdida kienet msebbħa, l-attenzjoni tal-parroċċani daru issa lejn l-akkwist ta' statwa ġdida

Mill-bidu tas-seklu 18, statwi mlibbsa bdew bil-mod il-mod jitqiesu li m'għadhomx dekorużi u s-Siġġiewi rreaġixxa billi talab wieħed mill-skulturi l-aktar prominenti f'Malta, Pietro Felici, biex ifittex jagħmel statwa ġdida. Din kienet lesta fil-1736.[44] Bormla u l-Isla ma jibqgħux lura minn dawn l-iżviluppi. L-istorja taż-żewġ statwi proċessional tal-Verġni Mbierka f'Bormla ġiet spjegata fil-paragrafi preċedenti. B'differenza minn dak li ġara fis-Siġġiewi, fejn ir-ras ta' San Nikola ma ġietx użata biex tagħmel parti minn korp ġdid, ir-ras li kienet tintuża għall-istatwa tal-Madonna ġewwa Bormla, għaddiet minn numru ta' kambjamenti. Mhux biss saret parti minn korp, iżda soffriet minn intervent barbaru, meta ddaħħlu għajnejn tal-ħġieġ fiha biex tingħata espressjoni aktar ta' wiċċ uman. Dawn l-għajnejn jiddaħħlu billi l-wiċċ tal-istatwa kien jinqata' bil-lexxuna u mbagħad jitħaffru l-ħofor tal-għajnejn.

L-istess storja għaddiet minnha lill-istatwa tal-injam ġewwa l-Isla. Din ukoll soffriet minn modifika simili fis-seklu dsatax. L-istatwa antika tal-injam ukoll rat l-introduzzjoni ta' għajnejn tal-ħġieġ u tibdil ieħor fis-sura tagħha.

Bħalma diġa rajna, Ħaż-Żabbar ukoll iddeċieda li jibdel l-istatwa proċessjonali tiegħu ma' waħda ta' l-injam, xogħol Marjanu Gerada. Anki l-Birgu ma jibqgħux kompletament immuni minn dawn ix-xejriet ġodda. Fil-Birgu, l-istatwa manekin tal-Kunċizzjoni kienet sostitwita fl-1838, minn oħra tal-injam, xogħol l-artist Xandru Farrugia.[45] Probabbilment, ir-ras tal-Madonna li tinsab fil-mużew parrokkjali tappartjeni għal din l-istatwa. Imbagħad, madwar 1883, il-kleru tal-Birgu jintervjeni fuq l-istatwa ta' San Lawrenz, li kienet manekin imlibbes u li kien jiżżarma wara li tgħaddi l-festa. F'dan il-waqt il-kleru jippreferi li jkollu statwa permanenti mlibbsa l-immaġni ta' San Lawrenz u għalhekk qabbad lil Abraham Gatt biex jimmudella korp għal din l-istatwa skont il-karatteristiċi romantiċi sinonimi mas-seklu dsatax.[46] Madankollu, anki dan l-intervent ma kienx għal kollox aċċettat, u l-fatt li l-istatwa ma kinetx kompletament tal-injam kien jitqies bħala arranġament estetikament mhux sodisfaċenti. Għalhekk insibu li fil-bidu tas-seklu għoxrin, il-Kan. Joseph M. Farrugia, popolarment magħruf fil-Birgu bħala Dun Ġanmarí, kien daħal fid-

[43] A.A.M. Visitatis Pastoralis Cocco Palmieri, Vol. 24B, f. 281$^{v}$.
[44] Joe Carabott, 'L-Istatwa Titulari ta' San Nicola ta' Bari', *Is-Siġġiewi*, Vol. 1, No. 5, June 1978, p. 34. *Vide* also Giudo Lanfranco, *L-Istatwi Titulari u l-Istatwarji Tagħhom*, Malta, 1999, p. 40.

[45] Giovanni Faure, *Li Storja ta' Malta u Ghawdex bil Gzejjer tahhom u il Grajjiet li saru fihom*, (Malta, 1916), Vol. 4, p. 1120.
[46] Ibid., 50.

diskussjonijiet sigrieti mal-iskultur Antonio Buhagiar mill-Birgu biex jagħmel statwa ġdida ta' San Lawrenz. Buhagiar beda jaħdem fuq din l-istatwa ġdida iżda l-proġett kien ġie abbandunat għal xi raġunijiet mhux magħrufa. [47]

Is-sostituzzjoni tal-istatwa fis-Siġġiewi setgħet inħolqot minn kunsiderazzjonijiet oħra minbarra dawk estetiċi. Din l-istatwa l-ġdida tidher li tindika bidla fid-devozzjoni popolari u l-istatwa f'Bari żgur li issa ttieħdet bħala mudell. Iż-żewġ statwi, jiġifieri dik tas-Siggiewi u dik ta' Bari llum huma simili ħafna, u għalhekk dik ġdida hija estetikament differenti mill-istatwa l-qadima. L-istatwa l-ġdida tas-Siġġiewi hija magħmula aktar fil-idjoma Griega (f'dak li hu ilbies liturgiku) minn dik l-antika li kif diġà rajna, kienet liebsa skond il-liturġija Latina. L-istatwa l-ġdida ta' Felici turi l-figura sħiħa tal-qaddis fl-att li qed jagħti l-barka bir-rit Grieg. Hu wkoll liebes pjaneta li mhix fuq dik magħrufa bħala Rumana). Felici juri lil San Nikola liebes pjaneta stil Grieg waqt li qed iżomm il-baklu. L-istil tal-pjanta f'din l-istatwa l-ġdida kien assoċjata f'dan il-perjodu mal-liturġija Griega għaliex dawk użati fir-rit Latin kienu differenti. L-impatt ta' dan it-tip tal-ilbies liturġiku fuq il-fidili kien maħsub biex ikun konsiderevoli. L-użu tal-pjaneta imponenti li l-ġnub tagħha jgħattu l-idejn ma setax ma jkunx osservat mill-kongregazzjoni li ma kinetx mdorrija tara dan it-tip tal-ilbies liturġiku fil-knisja. Il-pjaneta Latina jew Rumana m'għandhiex dawn il-karatteristiċi u kienet biss tghatti l-ispallejn tal-qassis waqt li idejh kienu jibqgħu mikxufin.

Imma kien hemm ukoll differenzi oħra. Bħal fl-istatwa ta' Bari, din l-istatwa l-ġdida tas-Siġġiewi tfittex li twassal it-tliet virtujiet kardinali assoċjati mad-devozzjoni lejn dan il-qaddis, li huma l-liturġija (rrappreżentanta bl-ilbies ekkleżjastiku), il-fidi, (espressa fl-istatwa ta' Bari billi l-qaddis għandu l-bibbja fuq in-naħa tax-xellug tiegħu) u l-karità (murija permezz ta' tliet sferi tad-deheb normalment imqiegħda mistrieħa fuq il-bibbja). Fl-istatwa il-ġdida tas-Siggiewi, dawn l-aħħar żewġ virtujiet huma espressi minn wieħed miż-żewġ anġli subien, fil-qiegħ tal-istatwa u qiegħed iżommhom f'idejh.



**Il-Madonna tar-Rużarju, bil-kuruna u l-Bambin f'idha**

Kif diġà kien diskuss, oriġinarjament il-kult ta' San Nikola kien assoċjat mar-reputazzjoni tawmaturġika tiegħu u għalhekk sar magħruf bħala tawmaturgu. Huwa kien assoċjat ma' persuna li tagħmel il-mirakli relatati man-natura, bħalma kien il-kontroll tal-irjieħ u l-ibħra, jikkalma l-maltempati u joqtol il-ħażen.[48] Bħall-qaddis meqjum f'Bari, l-istatwa antika tas-Siġġiewi kienet maħsuba biex turi dawn il-valuri.

Fis-seklu 18, il-figura tal-qaddis bdiet tkun assoċjata aktar u aktar lejn ir-rispett tal-ġustizzja u l-protezzjoni tat-tfal, subien u bniet ta' età li waslu biex jiżżewġu. Dawn l-attributi devozzjonali ġodda laħqu lill-gżira u Siġġiewi ma baqax immun minn dawn l-iżviluppi ġodda. Meta waslet l-opportunità, il-parruċċani ħadu l-opportunità li jesprimu dawn il-valuri reliġjużi ġodda u jien stess niftakar lin-nanna tiegħi, tirrakkonta li t-tfajliet kienu jitolbu lil dan il-qaddis biex isibilhom ġuvni!!. Iż-żieda ta' anġli jew subien fil-qiegħ tal-istatwa jiċċertifika din il-bidla ikonografika sal-ġurnata tal-lum. Aktar importanti minn hekk, dawn il-bidliet eskatoloġiċi għenu biex iżommu devozzjoni lejn dan il-qaddis qawwija u ħajja.

**© Simon Mercieca**

[47] Mario Buhagiar, *Antonio Buhagiar 1906–1998 Portrait of a Neglected Artist*, Malta, 2008, p. 14.

[48] Michele Campione, 'Travellers of Faith', *Nicholas The People's Saint*, Luca De Napoli ed., Bari, 2004, p. 59.